

Brussell, 14 ta' Jannar 2019  
(OR. en)

5108/19

---

---

**Fajls Interistituzzjonali:**

2017/0230(COD)

2017/0231(COD)

2017/0232(COD)

2017/0136(COD)

---

---

EF 5  
ECOFIN 11  
DROIPEN 2  
CRIMORG 1  
CODEC 30

**NOTA**

---

minn: Presidenza  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  
Suġġett: Rieżami tas-sistema Ewropea ta' superviżjoni finanzjarja  
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fl-20 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti leġiżlattivi msejjaħ il-pakkett tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (il-"pakkett tas-SESF")<sup>1</sup>.
2. Il-komponent tal-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus/Ġlieda Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT) ġie miżjud ulterjorment mill-Kummissjoni ma' dan il-pakkett leġiżlattiv bi proposta maħruġa fit-12 ta' Settembru 2018<sup>2</sup>.
3. Fil-laqgħa tal-ECOFIN tat-2 ta' Ottubru 2018, l-Istati Membri għarfu b'mod ġenerali l-AML/CFT bħala prijorità u taw mandat ulterjorment għat-tnejjija ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li sadanittant ġie adottat<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-dokumenti 12420/17, 12422/17, 12430/17, 12431/17

<sup>2</sup> Dok. 12111/18

<sup>3</sup> Dok. 15164/18

4. Il-Bank Ċentrali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta (AML/CFT) emendata tas-7 ta' Diċembru 2018<sup>4</sup> u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018<sup>5</sup>.
5. Fid-19 ta' Diċembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat parzjali għan-negozjati dwar il-komponent AML/CFT<sup>6</sup>, filwaqt li ħalla l-bqija tal-fajl tas-SESF ikompli jiġi diskuss fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.
6. Fl-10 ta' Jannar, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji vvota l-opinjoni tiegħu dwar il-pakkett tas-SESF kollu.
7. Waqt il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji tal-11 ta' Jannar, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet iqisu l-antiċipazzjoni tal-komponent AML/CFT u jisseparawh mill-bqija tal-fajl, u dan intlaqa' b'mod ġenerali.

## **II. SITWAZZJONI ATTWALI**

8. Il-Presidenza tinsab lesta biex twettaq in-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-komponent AML/CFT tal-fajl, mill-aktar fis possibbli.
9. Fl-istess ħin, il-Presidenza għandha l-għan li tkompli taħdem fil-livell tekniku fuq il-bqija tal-pakkett leġislattiv, fejn għadha ma ntlaħqitx maġġoranza kbira u fejn huma meħtieġa aktar diskussjonijiet, bil-ħsieb li jiġi żgurat mandat ta' negozjar b'saħħtu. Dan jinkludi aktar ħidma kemm fuq il-qafas tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej kif ukoll fuq ir-regolament tal-BERS.

---

<sup>4</sup> Dok. 15468/18

<sup>5</sup> Dok. 15630/18

<sup>6</sup> Dok. 15569/18 ADD 1

### III. KONKLUŻJONI

10. Il-Presidenza tissuġġerixxi li jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-komponent AML/CFT bil-ħsieb li jintlaħaq qbil mill-aktar fis possibbli mal-Parlament Ewropew (soġġett għall-qbil tal-Parlament Ewropew).
11. Dan jirriżulta mill-urġenza tas-suġġett tal-AML/CFT, kif ukoll mill-intenzjoni tal-Presidenza li tikkonċentra l-isforzi u r-riżorsi tagħha fuq il-fajls fejn in-negozjati għandhom ċans realistiku li jiġu konklużi fil-leġislatura attwali.
12. Il-ħidma teknika ser tkompli fil-livell tekniku bil-ħsieb li jinkiseb mandat ta' negozjar għall-bqija tal-pakkett tas-SESF.
13. Għaldaqstant, il-Presidenza tissuġġerixxi li l-Coreper jistieden lill-Kunsill biex jaqbel dwar l-antiċipazzjoni u jibda n-negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-komponent AML/CFT tal-pakkett tas-SESF abbażi tat-test maqbul mill-Coreper fid-19 ta' Diċembru 2018<sup>7</sup>.

---

---

<sup>7</sup> Dok. 15569/18 ADD 1